

Statement



Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni 3/2019 dwar Regolament dwar il-Privatezza Elettronika Adottata fit-13 ta' Marzu 2019

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta d-dikjarazzjoni li ġejja:

L-EDPB jappella lill-leġiżlaturi tal-UE biex jintensifikaw l-isforzi lejn l-adozzjoni ta' Regolament dwar il-Privatezza Elettronika, li huwa neċessarju biex jiġi kkompletat il-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. L-EDPB jixtieq itenni l-pożizzjonijiet adottati preċedentement mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-UE, inkluża l-Opinjoni 1/2017 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u d-Dikjarazzjoni adottata fil-25 ta' Mejju 2018. Ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika ma għandu taħt l-ebda ċirkustanza jbaxxi l-livell ta' protezzjoni offruta mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE attwali u għandu jikkumplimenta lir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) billi jipprovdi garanziji addizzjonali b'saħħithom għat-tipi kollha ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Mhux talli mhux ostakolu għall-iżvilupp tat-teknoloġiji u s-servizzi ġodda, talli r-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika huwa neċessarju biex jiżgura kundizzjonijiet ekwi u ċertezza legali għall-operaturi tas-suq. L-EDPB jistieden lill-Istati Membri, taħt it-tmexxija tal-Presidenza tal-Kunsill, biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni u biex jipproċedu għall-finalizzazzjoni tal-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom mingħajr aktar dewmien, sabiex in-negozjati mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jibdeu mill-aktar fis possibbli.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)